ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABBILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT UE/ICAO

tal-25 ta' Mejju 2023

dwar l-emendar tal-Arranġament ta' Ħidma bejn l-Unjoni Ewropea u l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali rigward il-kooperazzjoni fil-qasam tar-rappurtar tal-aċċidenti u tal-inċidenti fl-avjazzjoni ċivili [2023/1666]

IL-KUMITAT KONĠUNT UE/ICAO,

Wara li kkunsidra l-Memorandum ta' Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-ICAO li jipprovdi qafas għal kooperazzjoni msaħħa, iffirmat f'Montréal u fi Brussell fit-28 ta' April u fl-4 ta' Mejju 2011 (MtK), u b'mod partikolari l-Artikoli 3.3 u 7.3 (c) tiegħu;

Wara li kkunsidra l-Anness dwar is-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-MtK, u b'mod partikolari l-Artikolu 3.1 tiegħu;

Wara li kkunsidra l-Pjan Globali tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (GASP) tal-ICAO (Dok. 10004 tal-ICAO) u l-inizjattivi globali tas-sikurezza (GSI);

Wara li kkunsidra l-Pjan Direzzjonali Globali tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (GASR, 2006) rigward l-implimentazzjoni tal-kondiviżjoni internazzjonali tad-*data*/sistema globali ta' rappurtar tad-*data*;

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 376/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar ir-rappurtar, l-analiżi u s-segwitu ta' okkorrenzi fl-avjazzjoni ċivili, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 996/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva 2003/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1321/2007 u (KE) Nru 1330/2007 ([1]);

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 996/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar l-investigazzjoni u l-prevenzjoni ta' aċċidenti u inċidenti fis-settur tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar id-Direttiva 94/56/KE ([2]);

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 ([3]),

Filwaqt li jikkunsidra li d-definizzjonijiet tat-tassonomija tar-Rappurtar tad-Data tal-Aċċidenti/Inċidenti (ADREP) tal-ICAO huma primarjament ibbażati fuq l-Istandards u l-Prattiki Rakkomandati (SARPs), il-manwali u l-materjal ta' gwida tal-ICAO;

([1]) ĠU L 122, 24.4.2014, p. 18.
([2]) ĠU L 295, 12.11.2010, p. 35.
([3]) ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1.

Filwaqt li jikkunsidra li hemm ħtieġa fost l-utenti tal-ADREP u taċ-Ċentru Ewropew ta' Koordinament għas-Sistemi ta' Notifika tal-Aċċidenti u tal-Inċidenti tal-Avjazzjoni (ECCAIRS) fl-Istati Membri tal-ICAO biex ikomplu jużaw l-informazzjoni miksuba mill-ġbir, mill-analiżi u mill-kondiviżjoni tad-*data* biex jidentifikaw theddidiet għas-sikurezza u fatturi li jikkontribwixxu fuq skala globali;

Filwaqt li jikkunsidra li s-sikurezza tan-navigazzjoni bl-ajru u l-progress fl-armonizzazzjoni tal-avjazzjoni ċivili internazzjonali jiddependu fuq standards rikonoxxuti bħas-sistema ADREP u filwaqt li jirrikonoxxi l-importanza tal-assistenza reċiproka u l-kooperazzjoni fil-qasam tal-ġestjoni tas-sikurezza u s-sistemi ta' bażijiet tad-*data*;

Filwaqt li jikkunsidra l-obbligu fi ħdan l-Unjoni Ewropea tal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EASA) li tassisti lill-Kummissjoni Ewropea fil-ġestjoni tar-Repożitorju Ċentrali Ewropew li jaħżen ir-rapporti kollha dwar l-okkorrenzi miġbura fl-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-kompitu tagħha li tiżviluppa u żżomm verżjoni ġdida tas-software suite tal-ECCAIRS imsejħa ECCAIRS 2;

Filwaqt li jikkunsidra li mill-1 ta' Jannar 2021 l-EASA ħadet f'idejha l-funzjonijiet kollha li d-Direttorat Ġenerali taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) tal-Kummissjoni Ewropea kien iwettaq fir-rigward tas-software suite tal-ECCAIRS;

Filwaqt li jikkunsidra l-Arranġament ta' Ħidma li jinkludi t-twettiq mill-EASA tal-funzjonijiet relatati mas-software suite tal-ECCAIRS kif deċiż mill-Kumitat Konġunt fl-10 ta' Marzu 2022;

Filwaqt li jikkunsidra l-ħtieġa li jiġu stabbiliti oqsma ta' kollaborazzjoni bejn l-ICAO u l-EASA biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-ECCAIRS 2, f'dan il-każ oqsma relatati ma' attivitajiet ta' taħriġ u ta' appoġġ li jaqgħu taħt dan l-Arranġament ta' Ħidma,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-emendi għall-Arranġament ta' Ħidma li saru f'Montréal fl-10 ta' Marzu 2022 rigward il-kooperazzjoni fil-qasam tar-rappurtar tal-aċċidenti u tal-inċidenti fl-avjazzjoni ċivili kif annessi ma' din id-Deċiżjoni huma b'dan adottati.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Għall-Kumitat Konġunt UE/ICAO
Il-Presidenti [firem biss]

ANNESS

ARRANĠAMENT TA' ĦIDMA BEJN L-ORGANIZZAZZJONI INTERNAZZJONALI TAL-AVJAZZJONI ĊIVILI U L-UNJONI EWROPEA

RIGWARD IL-KOOPERAZZJONI FIL-QASAM TAR-RAPPURTAR TAL-AĊĊIDENTI U TAL-INĊIDENTI FL-AVJAZZJONI ĊIVILI

L-Arranġament ta' Ħidma huwa emendat kif ġej:

1. il-paragrafu 2.2 f) huwa emendat kif ġej:

   (a) l-aħħar sentenza titħassar u hija sostitwita b'dan li ġej:

   "Jekk Stat tal-ICAO jkun jixtieq juża s-sistema tal-ECCAIRS 2, imbagħad l-EASA tħejji u tikkonkludi arranġament ta' servizz ma' dawk l-Istati."

2. il-paragrafu 2.3 huwa emendat kif ġej:

   (a) jiddaħħal paragrafu ġdid wara l-paragrafu 2.3 f).

   "Dettalji speċifiċi tal-kollaborazzjoni bejn l-EASA u l-ICAO fit-taħriġ u fl-appoġġ huma inklużi fl-Appendiċi 1 ta' dan l-Arranġament ta' Ħidma."

3. il-paragrafu 5.4 huwa emendat kif ġej:

   (a) il-paragrafu 5.4 jitħassar u huwa sostitwit bit-test li ġej:

   "Kull Parti żżomm is-sjieda u d-drittijiet kollha fid-drittijiet tal-awtur, fit-trademarks, fl-isem, fil-logos u fi kwalunkwe proprjetà intellettwali oħra tagħha u għalihom. Għajr kif previst espressament hawnhekk, l-użu tal-proprjetà intellettwali ta' Parti mill-Parti l-oħra huwa soġġett għall-approvazzjoni bil-miktub minn qabel tal-Parti. Ix-xogħlijiet derivati kollha ta' Parti oħra, jew ibbażati fuq kwalunkwe proprjetà intellettwali ta' Parti oħra jew derivati minnha jitqiesu li huma l-proprjetà ta' dik il-Parti, inkluż, pereżempju, l-output, il-kopji, ir-riproduzzjonijiet, it-titjib, il-modifiki, l-adattamenti u t-traduzzjonijiet kollha; minkejja dan ta' hawn fuq, tali xogħlijiet derivati jistgħu jitqiesu bħala Proprjetà Intellettwali Konġunta f'konformità mal-paragrafu 5.5 ta' hawn taħt. Għajr kif previst hawnhekk, Parti ma tistax tbigħ il-proprjetà intellettwali ta' Parti oħra jew tipproduċi għall-bejgħ kwalunkwe materjal derivat minnha, u lanqas ma tista' tiddistribwixxi jew tiżvela l-proprjetà intellettwali ta' Parti oħra parzjalment jew fl-intier tagħha lil partijiet terzi."

4. jiddaħħal paragrafu 5.5 ġdid kif ġej:

   "Id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali ta' materjali żviluppati b'mod konġunt se jkunu tal-Partijiet b'mod konġunt. "Proprjetà Intellettwali Konġunta" tfisser proprjetà intellettwali fi kwalunkwe prodott, riċerka, *data*, analiżi, informazzjoni u materjal ieħor li l-Partijiet jiżviluppaw b'mod konġunt bħala parti minn din il-kollaborazzjoni. Id-drittijiet u t-titoli kollha għall-Proprjetà Intellettwali Konġunta huma soġġetti għat-termini u għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

   (a) Malli jiskadi jew jintemm dan l-Arranġament ta' Ħidma, il-portafoll tal-Proprjetà Intellettwali Konġunta maħluq jinqasam bejn il-Partijiet abbażi tad-drittijiet akkwiżiti ta' kull Parti, kif miftiehem permezz ta' konsultazzjonijiet bejn il-Partijiet. Jekk ma jkunx jista' jintlaħaq ftehim, id-drittijiet u t-titoli kollha għall-Proprjetà Intellettwali Konġunta jibqgħu bi sjieda konġunta bejn il-Partijiet."

5. Artikolu 6 ġdid. OBBLIGAZZJONI tiddaħħal kif ġej:

   "6. OBBLIGAZZJONI"

6. jiddaħħal paragrafu 6.1 ġdid kif ġej:

   "6.1. Fi kwalunkwe każ, iż-żewġ naħat ma jkollhom l-ebda obbligazzjoni lejn il-Parti l-oħra għal kwalunkwe dannu dirett, indirett, inċidentali, speċjali jew konsegwenzjali ta' kwalunkwe tip, kemm jekk prevedibbli kif ukoll jekk le, li jirriżultaw mill-attivitajiet li huma s-soġġett ta' dan l-Arranġament ta' Ħidma, jew li jirriżultaw b'rabta magħhom."

7. l-Artikolu 6 EMENDI U TERMINAZZJONI huwa emendat kif ġej:

   (a) l-Artikolu huwa numerat mill-ġdid għal 7

   "Artikolu 7 EMENDI U TERMINAZZJONI"

8. Jiddaħħal Appendiċi ġdid fl-Arranġament ta' Ħidma

(a) l-Appendiċi 1 jiddaħħal wara l-paragrafu 7.2.

"APPENDIĊI 1

KOLLABORAZZJONI BEJN L-ICAO U L-EASA FIT-TAĦRIĠ U FL-APPOĠĠ

1. **Objettiv u Ambitu**

1.1. L-objettiv ta' dan l-Appendiċi hu li jistabbilixxi oqsma ta' kollaborazzjoni bejn l-ICAO u l-EASA biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-ECCAIRS 2. L-ambitu ta' dan l-Appendiċi huwa limitat għall-attivitajiet ta' taħriġ u ta' appoġġ li jaqgħu taħt dan l-Arranġament ta' Ħidma, inkluż l-iżvilupp u t-twassil tal-Pakketti ta' Implimentazzjoni tal-ICAO ("iPACKs") taħt l-awspiċi tal-Uffiċċju ta' Kooperazzjoni Teknika tal-ICAO, u opportunitajiet oħra ta' kollaborazzjoni bħal fellowships, skambju ta' għarfien espert dwar is-suġġett, u kollaborazzjoni dwar proġetti u programmi għall-bini tal-kapaċitajiet ta' kooperazzjoni teknika (minn hawn 'il quddiem imsejħa kollettivament l-"Inizjattivi").

1.2. Id-dettalji ta' kull Inizjattiva se jiġu miftiehma bil-miktub bejn l-ICAO u l-EASA u se jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-Arranġament ta' Ħidma u ta' dan l-Appendiċi.

2. **Grupp ta' Ħidma ta' Sħubija**

2.1. L-ICAO u l-EASA se jiffurmaw Grupp ta' Ħidma ta' Sħubija (il-"PWG"), li se jaħdem fuq bażi ta' konsensus biex:

2.1.1. jipprovdi gwida dwar l-iżvilupp u t-twettiq ta' kull Inizjattiva individwali li l-ICAO u l-EASA jaqblu li jikkollaboraw fuqha;

2.1.2. japprova l-verżjoni finali ta' tali Inizjattiva u kwalunkwe aġġornament sussegwenti tagħha;

2.1.3. japprova l-promozzjoni u t-tixrid tal-informazzjoni dwar l-Inizjattivi;

2.1.4. jissorvelja l-prestazzjoni tal-kollaborazzjoni kumplessiva; u

2.1.5. jikkunsidra l-vijabbiltà finanzjarja tat-twettiq ta' kull Inizjattiva individwali.

2.2. Il-PWG mhuwiex Bord tad-Diretturi formali u la kollettivament u lanqas individwalment ma għandu xi dmir fiduċjarju jew responsabbiltà għal xi inizjattiva jew Parti għal dan l-Arranġament ta' Ħidma jew l-EASA.

2.3. L-ICAO u l-EASA se jaħtru rappreżentanti għall-PWG kif ġej:

2.3.1. Skont in-natura tal-Inizjattivi, l-ICAO tista' taħtar id-Direttur, l-Uffiċċju tal-Kooperazzjoni Teknika, jew il-Kap, it-Taħriġ Globali tal-Avjazzjoni jew ir-rappreżentant awtorizzat tagħhom.

2.3.2. L-EASA tista' taħtar id-Direttur, id-Direttorat tal-Istrateġija u tal-Ġestjoni tas-Sikurezza jew is-sostitut maħtur tiegħu/tagħha, bħala r-rappreżentant awtorizzat tagħhom

2.3.3. Rappreżentanti addizzjonali għall-PWG jistgħu jinħatru mill-ICAO u mill-EASA fuq bażi ugwali biex jappoġġaw lir-rappreżentanti rispettivi msemmija hawn fuq.

2.4. Minbarra r-responsabbiltajiet tiegħu stabbiliti fil-paragrafu 2.1, il-PWG jiltaqa' kif meħtieġ matul id-durata tal-Inizjattivi biex jevalwa tali Inizjattivi, inkluż il-prestazzjoni u l-profili individwali tal-Inizjattiva, biex jikkoordina soluzzjonijiet xierqa għall-problemi, u biex jissuġġerixxi titjib u modifiki għall-Inizjattivi.

3. **Kondiviżjoni tal-kompiti bejn l-ICAO u l-EASA**

3.1. Il-kompiti speċifiċi tal-ICAO u tal-EASA fir-rigward ta' kull Inizjattiva individwali jiġu miftiehma bil-miktub bejn l-ICAO u l-EASA skont il-paragrafu 1.2.

3.2. L-ICAO u l-EASA jippromwovu u jippubbliċizzaw l-iPACK, jew kwalunkwe Inizjattiva oħra, permezz tal-kanali rispettivi tagħhom, u jifformulaw b'mod konġunt pjan annwali ta' attività konġunta f'dak ir-rigward. L-isforzi ta' attività konġunta se jiġu kkoordinati bejn l-ICAO u l-EASA u se jiġu approvati mill-PWG.

3.3. L-ICAO u l-EASA se jikkollaboraw biex jippromwovu b'mod konġunt l-Inizjattivi fuq is-siti web tagħhom. L-ICAO u l-EASA se jagħmlu wkoll sforzi raġonevoli biex jikkummerċjalizzaw b'mod konġunt l-iPACK, jew kwalunkwe Inizjattiva oħra minn żmien għal żmien permezz ta' mezzi u fora oħra, li jistgħu jinkludu dan li ġej:

(a) stqarrijiet għall-istampa;

(b) konferenzi u workshops organizzati mill-ICAO jew mill-EASA;

(c) reklami fil-pubblikazzjonijiet tal-ICAO u tal-EASA;

(d) bullettini elettroniċi;

(e) midja soċjali; u

(f) kwalunkwe attività konġunta oħra meqjusa meħtieġa.

4. **Aspetti finanzjarji tal-kollaborazzjoni**

4.1. L-iPACKs u kwalunkwe Inizjattiva oħra se jiġu żviluppati u offruti fuq bażi ta' rkupru sħiħ tal-kostijiet, u l-mekkaniżmi finanzjarji implimentattivi kollha se jiġu ddeterminati fuq bażi ta' każ b'każ f'konformità mad-dispożizzjonijiet li għandhom jiġu miftiehma bil-miktub bejn l-ICAO u l-EASA skont il-paragrafu 1.2.

4.2. Għal kull iPACK jew kwalunkwe Inizjattiva oħra, il-mekkaniżmu finanzjarju implimentattiv se jinkludi dispożizzjonijiet dwar l-implimentazzjoni, l-iżvilupp u l-ġestjoni tal-kostijiet u tad-dħul, inkluż l-assenjazzjoni tagħhom bejn l-ICAO u l-EASA. Il-mekkaniżmu finanzjarju implimentattiv se jinkludi wkoll dispożizzjonijiet dwar id-durata u l-limitu massimu tal-impenji finanzjarji u dwar il-limitazzjoni tar-responsabbiltà, b'referenza wkoll għall-għażla ta' rtirar mill-impenji rispettivi.

4.3. Kull iPACK individwali jew kwalunkwe Inizjattiva oħra ma titwettaqx jekk il-mekkaniżmu finanzjarju implimentattiv imsemmi fil-paragrafi 4.1 u 4.2 ma jkunx miftiehem bil-miktub mill-ICAO u mill-EASA."